MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2009

Numru. 170/2003

**PULIZIJA**
**SPETTUR CHRISTOPHER PULLICINO**
**VS**
**OWEN MALLIA**
**TERENCE CIANTAR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Owen Mallia ta’ 19 il-sena bin Alfred u Catherine nee Grima, imwieled Pieta fis-6 ta’ Lulju 1983 u joqghod 24, Sir Temi Zammit Street, Mtarfa ID338083M;

U Terence Ciantar ta’ 20 sena bin Benjamin u Sylvia nee Fenech, imwieled Pieta fil-5 ta’ Dicembru 1982 u joqghod 4, Alley 3, Rabat Road, Dingli ID 659882M talli mil-parking area fi Triq Sir Philip Pullicino, Mtarfa fil-lejl ta’ bejn it-2 u t-3 ta’ Lulju 2002, ikkommettew serq ta’ vettura ta’ ghamla Vauxhall Astra b’numru ta’ registrazzjoni IAA 829, liema

serq huwa kkwalifikat fil-hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin u bin-natura tal-oggett misruq, liema serq sar ghad-dannu ta' Jeffrey Vassallo.

Talli fl-istess zminijiet, hin u cirkostanzi xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif wkoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess data, lok, hin u cirksotanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara hija aktar minn hames mitt lira maltin, ghad-dannu ta' Jeffrey Vassallo.

Lil Owen Mallia wahdu talli ikkommetta diversi reati/delitti li ghalihom hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv tas-sentenzi sospizi, liema sentenzi huma definittivi u datati 20 ta' Lulju 2001 u 30 ta' Mejju 2002.

Talli kiser il-provedimenti ta' l-artiklu 9 tal-kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza datata 16 ta' Frar 2000 fejn hu kien misjub hati ta' reat u lliberat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Talli irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50, u 289 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali (fol.73) fil-konfront ta' Owen Mallia, taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputat;

Rat il-verbal tal-16 ta' Novembru 2006 fejn l-imputat Owen Mallia ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Rat il-sentenza tal-14 ta' Lulju 2003 fejn il-Qorti ddecidiet il-proceduri fil-konfront ta' Terence Ciantar (fol.62) li inghata Probation Order ghal sentejn;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fil-proceduri odjerni Terence Ciantar kien ammetta t-tieni akkuza u cioe' dik ta' ricettazzjoni u l-Avukat Generali fl-Artikoli kien irtira l-akkuzi ta' serq u ta' hsara fil-konfront tieghu.

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta illi Jeffrey Vassallo ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija dwar serq tal-van Vauxhall Astra bin-numru tar-registrazzjoni IAA 829 fit-3 ta' Lulju 2002. Dan il-van kien ipparkjat filghaxija u meta Vassallo hareg filghodu ma sabux. Dan il-van gie misjub u fl-14 ta' Novembru fil-*garage* tal-Pulizija, Jeffrey Azzopardi gharaf dan il-*van* bhala propjeta' tieghu mid-diversi modifikazzjonijiet illi kien wettaqlu u cioe bdil tal-magna originali ma' magna *diesel turbo*, flimkien ma' *air conditioning system*, diversi *stickers* illi kien gab mill-esteru.

Spettur Pullicino (a fol.17 et seq.) xehed illi kien ircieva informazzjoni anonima li *f'garage,* f'Had Dingli, mikri lil Owen Mallia, kien hemm karozzi jew *parts* ta' karozzi misruqa.

Illi ghalhekk l-imputat gie arrestat fit-13 ta' Novembru, ha lil Pulizija f'dan l-imsemmi *garage* fejn l-imputat Mallia fetah l-imsemmi fond bic-cwievet tieghu. L-Ispettur Pullicino xehed illi f'dan il-*garage* kien hemm nofs qafas

ta’ karozza, zarmata bicciet, bix-*chassis* apparti, u bla magna.

L-imputat Mallia mill-ewwel informa lill-Ufficjal Prosekutur, illi dik il-karozza kienet ta’ Terence Ciantar, illi kien tallbu biex izommielu. Mistoqsi dwar il-magna u l-parti ta’ wara tal-qafas ta’ dan il-*van,* l-imputat informa lill-Ispettur Pullicino li l-magna kien hadha Terence u l-partijiet l-ohra tal-karozza kienu mormija.

Fl-*istatements* tieghu (Dok.CP4 – a fol.28 et seq.) l-imputat Mallia xehed li meta Ciantar ikkonsenjalu l-*van*, bla numri, fil-*garage* tieghu, hu (Mallia) ma kellu ebda suspett illi dan il-*van* kien misruq. Kien wara xi erbat ijiem li Ciantar infurmah b’dan l-istat ta’ fatt u hemmhekk, Mallia qallu biex:

*“Qabbizuli ‘il barra minn gol-garage.”*

L-imputat Mallia gie mistoqsi r-raguni il-ghaliex kien ghad jinstabu *parts* minn dan il-*van* fil-*garage* tieghu u jghid dawn il-precizi kliem:

*“Jiena hassejt li minhabba li ma hallasnix tal-kera tal-garage kien worth it illi nohodlu xi partijiet minn dan il-van.”* (ara fol.29)

Illi matul dan l-*istatement*, l-imputat kien kowoperattiv sa l-ahhar ma’ l-Ufficjal Prosekutur u jaghti rendikont ta’ l-involviment tieghu f’diversi serqiet illi kienu twettqu qabel minghajr ebda hsieb li jipprova jiskolpixxi lilu nniffsu mill-icken involviment.

Jeffrey Vassallo (a fol.35 et seq.) ikkonferma s-serqa tal-*van* IAA 829 u r-rapport illi huwa ghamel lil Pulizija.

A fol.39 Brian Farrugia kkonferma lil Jeffrey Vassallo, bhala propjetarju ta’ l-imsemmija vettura.

Paul Gambin ikkonferma illi l-*account number* 400 105 6282 kien ta’ Jeffrey Vassallo u ezebixxa Dok.PG

PS 125 Mifsud ezebixxa Dok.PS, okkorrenza tas-serqa ta' l-istess vettura indikata waqt illi PS 726 (a fol.48) ikkonferma l-prezenza tieghu fit-tfittxija, mwettqa mill-Ufficjal Prosekutur, f'*garage* l-Mosta, fejn instabu zewg magni *diesel* bin-numru 250883 u 989028.

PS 985 Stephen Pace kkonferma l-istqarrija ta' l-imputat Terence Ciantar.

PS 832 (a fol.56) ikkonferma l-prezenza tieghu fit-tfittxija f'*garage*, Had Dingli, u s-sejba ta' partijiet minn karozza.

Terence Ciantar (a fol.65) ikkonferma li hu kien xtara magna minn 'Techno Garage', Mosta. Illi sussegwentement kien sema illi Owen Mallia kellu magna ohra li hu xtraha ghal prezz ta' Lm150 bil-kundizzjoni li kellu jghaddilu l-karti ta' din il-magna. Illi meta dawn ma wasslux Terence Ciantar beda jissuspetta illi din il-magna kienet misruqa: *"U ghamiltilha blokka gdida."*

Brian Farrugia (a fol.77) ikkonferma n-numru tax-*chassis* tal-vettura ndikata.

Spettur Michael Mallia (a fol.79) ikkonferma l-prezenza tieghu fl-istqarrija ta' Owen Mallia.

Fit-tieni xhieda tieghu, Brian Farrugia, kkonferma illi ma dahalx rapport illi kien hemm xi partijiet tal-magna misruqa rigwardanti l-karozza fuq indikata.

PS 239 Caruana kkonferma r-ritratti (a fol.34)

Matthew Scicluna, *mechanic* ta' 'Techno Garage', Mosta, ikkonferma illi Terence Ciantar kien gablu magna fil-*garage* tieghu biex din titwahhal fil-karozza tieghu u minhabba illi ma nstabux il-karti ta' din il-magna:

*"Gabli parti minn magna ohra biex naqleb kollox fuqha."*

Matthew Scicluna kkonferma illi Ciantar qallu li kien xtara l-magna minghand certu Owen.

A fol.87, Terence Ciantar rega’ kkonferma x-xhieda tieghu.

A fol.107, Mario Buttigieg ikkonferma x-xhieda ta’ l-identita’ ta’ l-imputat ghal rigward tas-sentenza (Dok.MB – ezebita a fol.103)

PS 565 Bonnici, ikkonferma illi kien sar *grinding* fin-numru tax-*chassis* indikat u kkonferma l-firma tieghu f’Dok.CP5

Spettur Pullicino ezebixxa erba’ (4) sentenzi, Dok.Z1 sa Dok.Z4 fil-konfront ta’ Owen Mallia.

Ex-Spettur David Gatt, ikkonferma l-identita’ ta’ l-imputat fis-sentenza Dok.Z2 waqt li l-Ispettur Marthese Micallef ikkonfermat l-identita’ ta’ l-imputat ghal rigward tas-sentenza Dok.Z4, u l-Ispettur Miruzzi kkonferma l-identita’ ta’ l-imputat ghal rigward tas-sentenza Dok.Z3

Spettur Angelo Caruana kkonferma x-xhieda ta’ l-identita’ ta’ l-imputat ghas-sentenza ezebita a fol.109

Fil-11 ta’ Ottubru, Terence Ciantar, imsejjah mid-Difiza, rega’ kkonferma illi huwa xtara magna mill-imputat Mallia ghal prezz ta’ Lm150. Innega illi tallbu li jzommlu *van* fil-*garage* tieghu jew li xtara Vauxhall Astra. Mitlub jghid kemm-il darba kellux ic-cavetta tal-*garage* ta’ Owen Mallia, Terence Ciantar jghid illi huma kellhom garaxxijiet fuq xulxin u li kien moghti cavetta minghand Mallia, **izda dan kien wara illi infetah dan il-kaz.**

Matthew Scicluna, prodott mid-Difiza, ikkonferma illi Terence Ciantar kien mizzewweg mal-kugina tieghu. Ikkonferma illi l-magna li gab Ciantar kienet ser titwahhal fuq Ford Escort Mark 1 li kienet propjeta’ ta’ Ciantar. **Mitlub jghid kemm-il darba Ciantar qatt qallux minghand min xtara din il-magna, Scicluna jafferma illi Ciantar ma qallux**. Illi kien biss wara l-kaz illi Ciantar qallu li kien xtraha minghand Owen Mallia. Matthew Scicluna, fl-ahhar xhieda tieghu, ma kellux xejn xi jzid ma’ dak illi ddepona qabel.

Ikkonsidrat:

Illi l-imputat jinstab mixli fis-serq tal-vettura ndikata fic-citazzjoni u sussidjarjament b'ricettazzjoni. Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa l-istqarrija ta' l-imputat, illi hija qrara twila u minghajr hniena ghall-affarijiet kollha illi l-imputat wettaq u nvolvimenti f'serqiet precedenti illi taghhom Owen Mallia jaghti elenku shieh lil Pulizija minghajr ebda tlaqlieq.

Illi pero' ghal din is-serqa partikolari, tal-Vauxhall Astra IAA 829, l-imputat jinnega bl-iktar mod vociferu illi huwa kien responsabbli ghas-serq, anzi juri rabja konsiderevoli tal-mod kif gie ngannat minn Terence Ciantar meta Mallia haseb illi kien qed jaghmillu favur billi jzommlu karozza minghajr pjanci fil-*garage* tieghu. Kien biss wara xi erbat ijiem illi Ciantar infurmah illi l-vettura indikata kienet misruqa. Fl-istqarrija ta' l-imputat Owen Mallia, dan jinforma lil Pulizija illi kif sar jaf b'dan l-istat ta' fatt, widdeb lil Ciantar: *"Iqabbizielu 'l barra mill-garage tieghu."*

Din il-Qorti tgharaf illi l-imputat Mallia, fl-istqarrija tieghu ammetta l-involviment tieghu, b'diversi serqiet li ghalihom kien responsabbli, u dana bla ebda tlaqlieq u Hi tal-fehema illi kien jammetti ghal dan is-serq kieku verament kien responsabbli u dana il-ghaliex ammetta ghal-serqiet ta' portata ferm akbar minn din in kwistjoni.

L-imputat huwa wkoll mixli tar-ricettazzjoni ta' l-istess *van*.

Illi l-istqarrija ta' l-imputat taghti stampa carissima ta' l-involviment kollu ta' l-imputat. Ma jista' jkun hemm ebda komplicita'f'ricettazzjoni kemm-il darba l-Prosekuzzjoni ma jipprovawx ix-xenzia da parti ta' l-imputat ta' l-oggett misruq mal-mument tal-kunsenja. Illi dan certament ma sehhx u l-imputat Mallia kien sar jaf biss illi l-*van* Vauxhall IAA 829 kienu misruqa wara xi erbat ijiem li giet konsenjata lilu minn Ciantar. L-uniku haga illi "approfitta minnu" l-imputat kien illi zamm xi *parts* ta' din il-karozza **wara** li sar jaf il-provenjenza illecita' tal-*van*. Illi wara li din il-Qorti fliet bir-reqqa dak illi stqarr l-imputat Owen Mallia, il-Qorti hi tal-fehema illi l-imputat fehem illi kien qed izomm

il-*parts* bhala pagament tal-kirja tal-*garage* tieghu ghall-*istorage* ta’ dan il-*van* skond il-ftehim originali ma’ Terence Ciantar. Illi ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehema illi l-imputat, Owen Mallia, ma kellux il-mens rea ghar-reat ta’ ricettazzjoni.

Lanqas ma tista’ ssib htija fl-imputat ghall-akkuza ta’ hsara volontarja, stante’ illi t-taqtieh u z-zarmar ta’ dan il-*van* sar meta Owen Mallia kien ghadu jemmen illi dan il-*van* kien propjeta’ ta’ Ciantar u fuq l-istruzzjonijiet ta’ l-istess Ciantar.

Illi fil-mori tal-kawza, Carmen Nygaard, Probation Officer, infurmat lil Qorti bil-progress sostanzjali ta’ l-imputat li attenda programm ta’ rijabilitazzjoni kontra d-droga, li sab xoghol fiss, li kellu relazzjoni stabbli u li kien qed imantni zewgt itfal.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat Owen Mallia, mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------